GVERN
TA' MALTA

Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
Hawn għalik



# GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

**Għodda parteċipattiva biex jiġu vvalutati u żviluppati b'mod riflessiv il-viżjoni, il-politiki u l-prattiki tal-organizzazzjoni tiegħek dwar l-inklużjoni u s-sostenibbiltà**

## Dwar din l-għodda

L-Għodda ta’ Awtovalutazzjoni ta’ Verifika Soċjali ġiet ikkummissjonat mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) bħala parti mill-impenn tagħha lejn il-Proposta Nru. 163 tal-Manifest Elettorali.

Din l-għodda hija mfassla biex tgħin lill-organizzazzjonijiet fl-evalwazzjoni u t-tisħiħ tal-prattiċi ta' inklużività, tippromwovi kollaborazzjoni bejn setturi differenti, u ssaħħaħ it-tessut soċjali tal-komunitajiet lokali. Permezz ta' l-awtovalutazzjoni, l-organizzazzjonijiet jistgħu jallinjaw ruħhom aħjar mal-valuri tal-komunità, u jinkoraġġixxu ambjent aktar integrat u inklussiv.

Din l-għodda hija parti minn inizjattiva usa' li tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' *networks* bbażati fil-komunità u taħriġ ta’ għarfien u sensittività għal persuni mhux professjonisti li jaħdmu f’organizzazzjonijiet komunitarji.

## Awturi

Dr. Maria Brown
Prof. Carmel Borg

## Ippublikat minn

L-Aġenzija għas-servizz Komunitarji u Terapewtiċi (ACTS),
fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali , Malta

*Dan ix-xogħol huwa liċenzjat taħt l-Att Internazzjonali Creative Commons Attribution-noncommercial-NoDerivatives 4.0 bi dritt riżervat tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali © 2024*

# WERREJ

01. Introduzzjoni ............. *04*

02. Għodda ta' Awtovalutazzjoni;
Oqsma u kif tuża l-Għodda ............. *08*

03. Sezzjonijiet tal-Għodda. ............. *12*

**A.** L-Involviment tal-Komunitajiet u l-Imsieħba ............. *13*

**B.** Tmexxija, Governanza u Ġestjoni ............. *25*

**Ċ.** Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi ............. *37*

**D.** Żvilupp Sostenibbli ............. *49*

**E.** Żvilupp Professjonali ............. *63*

**F.** Prattika Riflessiva ............. *77*

04. Glossarju ............. *87*

05. Gwida għar-referenzjar ............. *95*

# 01. INTRODUZZJONI

## 1.1 Għanijiet

Fil-kuntest ta' Malta kontemporanja u b'enfasi fuq l-inklużjoni u l-integrazzjoni, din l-għodda ta' verifika soċjali tipprovdi lill-organizzazzjonijiet orjentati lejn il-komunità (eż., ċentri taż-żgħażagħ, każini tal-banda fil-lokalitajiet, ċentri tal-kura ta' matul il-jum, assoċjazzjonijiet tal-migranti, gruppi ta' promozzjoni, assoċjazzjonijiet għall-professjonisti, skejjel, organizzazzjonijiet reliġjużi, eċċ.), pubbliċi, privati u mhux governattivi, indikazzjonijiet għar-riflessjoni u l-iżvilupp dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-għoti ta' servizzi fil-livell tal-komunità.

B'mod speċifiku, l-għodda hija maħsuba biex tgħin lill-organizzazzjonijiet biex:

- **jirriflettu** dwar ir-rispons tagħhom għall-ħtiġijiet ta' komunitajiet diversi; u
- **jevalwaw** jekk u sa liema punt qed isostnu u jsaħħu l-prinċipji ta' aċċess, ekwità u inklużjoni soċjali għal kulħadd, b'mod parteċipattiv, awtentiku u responsabbli — b'attenzjoni speċjali għall-minorenni, l-adulti akbar fl-età, il-migranti, l-istudenti tal-ewwel ġenerazzjoni fl-edukazzjoni postobbligatorja, il-benefiċjarji u l-applikanti għas-servizzi soċjali, il-persuni b'diżabilità, persuni LGBTIQ+, persuni b'aċċess diġitali limitat jew b'kompetenza diġitali limitata, eċċ.

## 1.2 Karatteristiċi

Oriġinarjament żviluppata bl-Ingliż, din l-għodda hija mibnija biex timmassimizza l-kwalità u l-komprensività tar-riflessjoni mwettqa mill-organizzazzjonijiet rispettivi.

Bl-użu ta' metodoloġija parteċipattiva, l-għodda ġiet żviluppata u vvalidata mal-imsieħba (stakeholders) li kienu jinkludu rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet statali u mhux governattivi differenti.

Il-karatteristiċi tal-istrument huma sinkronizzati mal-għan primarju tal-għodda, dak li jipprovdi biżżejjed opportunitajiet għall-parteċipanti biex jinvolvu ruħhom b'mod kritiku mal-organizzazzjoni rispettiva tagħhom, fi spazju edukattiv ekwu u mhux ta' theddid.

Barra minn hekk, l-għodda hija mfassla biex tistimula l-iżvilupp kollaborattiv ta' pjanijiet ta' azzjoni, proposti ta' proġetti, fora għal diskussjonijiet, netwerks, eċċ.

B'mod aktar speċifiku, l-għodda hija:

- **Parteċipattiva:** tinkoraġġixxi u tippermetti lill-persuni kollha fi ħdan l-organizzazzjoni li jkunu involuti fil-proċess riflessiv. L-aspettattiva hija li l-organizzazzjoni tinvolvi kemm jista' jkun persuni, minn diversi livelli tal-organizzazzjoni, u li tinkludi, fejn applikabbli, utenti tas-servizz u imsieħba (jiġifieri persuni jew entitajiet li għandhom interess fil-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni u t-tmexxija tagħha. Dawn jistgħu jinkludu benefiċjarji, minoranzi, kontributuri interni jew esterni, impjegati, voluntiera, kollaboraturi, eċċ.);

01

# Karatteristiċi...

- **Awtoriflessiva**: l-għodda tinkoraġġixxi lill-organizzazzjoni biex tiddubita u tikkontesta l-prattiki, il-proċessi u l-istrutturi tagħha stess;

- **Flessibbli**: l-aspettattiva hija li din l-għodda tintuża b'mod flessibbli, b'rispons għall-ħtiġijiet immedjati tal-organizzazzjoni. Huwa possibbli għall-organizzazzjoni li tagħmel użu parzjali mid-dokument u li tinjora elementi li l-organizzazzjoni tqishom bħala irrilevanti għar-realtà operattiva tal-organizzazzjoni;

- **Orjentata** lejn l-azzjoni: l-għodda hija mezz għat-trasformazzjoni. Filwaqt li r-riflessjoni hija kruċjali, it-trasformazzjoni mhijiex kompluta mingħajr pjan ta' azzjoni;

- **Edukattiva**: l-għodda hija maħsuba biex tgħin it-tranżizzjoni tal-organizzazzjoni f'komunità ta' tagħlim, fejn ir-riflessjoni hija meqjusa bħala kruċjali għall-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet;

- **Etika**: ir-rappreżentanza ekwa, il-parteċipazzjoni dinjituża, ir-rispett, it-trasparenza, id-dikjarazzjoni ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, u l-użu tal-informazzjoni f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti stabbiliti mhumiex negozjabbli.

## 1.3 Aspettattivi

Filwaqt li l-organizzazzjoni hija libera li tadatta skont il-bżonn, il-prinċipji pedagoġiċi li ġejjin għandhom jgħinu fit-tisħiħ tal-esperjenza riflettiva:

- **Tħejjija:** għandu jintbagħat dokument preparatorju lill-parteċipanti bil-quddiem, li jiddeskrivi r-raġunament għas-sessjoni, li jindika b'mod ċar il-punt fokali tal-laqgħa, u li jiddeskrivi liema mistoqsijiet ser jiġu diskussi;
- **Jiġu evitati s-silos:** l-organizzaturi huma mħeġġa joħolqu gruppi mħallta, fejn il-parteċipanti huma mistennija li jinvolvu ruħhom b'mod dijaloġiku ma' xulxin;
- **Twessigħ tal-parteċipazzjoni:** fejn possibbli u prattiku, il-laqgħat għandhom jinkludu utenti tas-servizz u imsieħba oħra;
- **Validazzjoni tal-esperjenzi personali:** il-laqgħat huma mistennija li jirrikonoxxu l-esperjenzi u l-għarfien tal-parteċipanti;
- **Allokazzjoni ta' ħin xieraq:** is-sessjonijiet riflessivi għandhom jitqiesu bħala karatteristika integrali tal-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet, u jingħataw biżżejjed ħin fil-pjan ta' żvilupp professjonali kontinwu tagħhom;
- **Promozzjoni tad-djalogu:** il-mistoqsijiet huma maħsuba biex jistimulaw id-djalogu aktar milli jieħdu format ta' mistoqsija u tweġiba.

## 1.4 Sejħa għal Azzjoni

L-aspettattiva hawnhekk hija li dan id-dokument jistimula azzjoni infurmata mill-proċess ta' riflessjoni. L-għodda hija maħsuba primarjament biex tgħin lill-organizzazzjonijiet jiżviluppaw fi spazji demokratiċi awtentiċi li jservu l-ġustizzja soċjali.

# 02. L-GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

Din l-għodda hija msejsa fuq metodu parteċipattiv u prattiki tajbin (good practices) fl-awtovalutazzjoni organizzattiva f'Malta u barra minn xtutna. L-għodda hija mfassla biex tgħin lill-organizzazzjonijiet jinvolvu ruħhom f'sitt oqsma. L-oqsma huma essenzjali għat-tisħiħ tar-rispons tal-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità għall-ħtiġijiet ta' komunitajiet differenti fir-rigward tal-aċċess, l-ekwità, u l-inklużjoni soċjali għal kulħadd, b'mod partikolari għal persuni bi sfond ta' minoranza, eż., migranti, persuni b'diżabilità, persuni LGBTIQ+, persuni b'aċċess diġitali limitat jew b'kompetenza diġitali limitata, eċċ.

Is-sitt oqsma huma introdotti hawn taħt:

## A: L-Involviment tal-Komunitajiet u l-Imsieħba

Din it-taqsima tistieden u tiggwida riflessjonijiet dwar l-assi li għandhom l-imsieħba tal-organizzazzjoni u l-komunitajiet fil-mira tagħha. Dan it-tfassil ta' profili msejjes fuq l-assi ('asset-based profiling') ser jikkontribwixxi għal għarfien u użu aħjar ta' riżorsi tanġibbli bħal ġabriet ta' informazzjoni, spazji, u riżorsi intanġibbli (bħal netwerks, rutini, tradizzjonijiet, u relazzjonijiet ta' fiduċja).

## B: Tmexxija, Governanza u Ġestjoni

Din it-taqsima tqanqal diskussjoni dwar id-dinamika u l-prattiki eżistenti u prospettivi ta' tmexxija, governanza, u ġestjoni fi ħdan l-organizazzjoni. Din it-taqsima ser tivvaluta u tislet l-aspirazzjonijiet li jikkonċernaw ir-rappreżentanza demokratika u devoluta.

## Ċ: Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi

Din it-taqsima tinvestiga l-mezzi differenti ta' komunikazzjoni li l-organizzazzjoni tuża fi ħdanha, mal-imsieħba, mal-pubbliku, u ma' gruppi soċjali.

## D: Żvilupp Sostenibbli

Hawnhekk, il-parteċipanti jivvalutaw it-tkabbir tal-organizzazzjoni (riċenti u proġettat) fir-rigward tal-użu korrispondenti tar-riżorsi (inklużi r-riżorsi umani). Din il-parti tal-għodda tgħin lill-parteċipanti fl-identifikazzjoni ta' prattiki ta' żvilupp sostenibbli li jistgħu jiġu integrati fl-operazzjonijiet preżenti jew fil-futur qarib tal-organizzazzjoni.

## E: Żvilupp Professjonali

Din it-taqsima tal-għodda hija maħsuba biex tiggwida d-diskussjoni dwar il-kompetenzi u l-ħiliet tal-persuni fi ħdan l-organizzazzjoni. Il-kompetenzi u l-ħiliet jistgħu jkunu attwali, potenzjali jew immirati. Dawn jistgħu jkunu formali, iċċertifikati, jew mhux formali, kif infurmati mill-edukazzjoni tul il-ħajja u r-rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti. Il-parteċipanti huma mistennija wkoll jidentifikaw l-imsieħba u l-opportunitajiet biex jgħinu l-iżvilupp professjonali inklużiv, jiġifieri, li jipprovdi wkoll għal minoranzi jew persuni li għandhom sfidi, eż., migranti, persuni b'diżabilità, persuni LGBTIQ+, persuni b'aċċess diġitali limitat jew b'kompetenza diġitali limitata, eċċ.

## F: Prattika Riflessiva

Din it-taqsima tgħin lill-parteċipanti fir-riflessjoni kritika li twassal għal pjan t'azzjoni.

**Kull taqsima tintemm bi stedina u gwida biex l-organizazzjoni tiżviluppa pjan ta' monitorasġġ u evalwazzjoni.**

# 2.1 Kif Għandha Tiġi Użata l-Għodda



M'hemmx mod wieħed kif tintuża din l-għodda. Il-ħtiġijiet speċifiċi tal-organizzazzjoni rispettiva għandhom jiggwidaw il-firxa tal-użu tad-dokument. Filwaqt li l-użu sħiħ tad-dokument huwa rakkomandabbli, l-użu parzjali jew mqassam huwa wkoll konformi mal-ispirtu li fih ġie mfassal id-dokument.

L-għodda hija dokument dinamiku. Xi wħud mill-elementi tagħha jistgħu ma jkunux applikabbli għal kull organizzazzjoni.

Il- **Glossarju** jgħin biex wieħed jifhem l-użu ta' xi kliem fil-kuntest ta' din l-għodda.

Il-kliem ewlieni (keywords) nnotat fil-bidu ta' kull taqsima jirrifletti l-ispirtu tat-taqsima, jiġifieri, dawn mhux neċessarjament jidhru fit-taqsima speċifika. **Il-kliem ewlieni kollu jinstab fil-Glossarju.**

Għandu jinħatar faċilitatur biex jiffaċilita d-diskussjoni. Dan l-irwol għandu jimtela minn persuna li jkollha għarfien biżżejjed dwar l-organizzazzjoni u l-imsieħba tagħha, li tkun taf kif titkellem, taqra, u tikteb tal-inqas il-lingwa li tkun qed tintuża għall-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, u li tħaddan u tipprattika r-rispett, l-ekwità, fost valuri oħrajn.

Biex il-proċess jirnexxi, għandu jingħata ħin biżżejjed għal kull sezzjoni (bejn siegħa u sagħtejn), l-eżerċizzju jitqassam fuq numru ta' sessjonijiet (b'mod partikolari meta l-għodda tintuża kollha kemm hi), u jittieħdu n-noti.

Fil-proċess riflessiv tagħhom, l-organizzazzjonijiet jistgħu jiddiskutu wkoll suġġetti jew indikaturi li mhumiex inklużi f'din l-għodda.

Il-fassala ta' dan id-dokument jassumu li l-organizzazzjoni rispettiva hija impenjata lejn proċess kontinwu ta' riflessjoni kontinwa b'risq l-iżvilupp organizzattiv.

## 2.2 Servizzi ta' koordinazzjoni, faċilitazzjoni u għajnuna

Skont id-daqs tal-organizzazzjoni, kumitat ta' persuni fi ħdan l-organizzazzjoni jista' jiġi inkarigat perjodikament (eż., darba fis-sena) bil-koordinazzjoni ta' dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni riflessiva; u l-membri ta' dan it-tim ta' koordinazzjoni jistgħu jkunu l-istess jew (parzjalment) mibdula maż-żmien, kif inhu l-aktar adattat għall-organizzazzjoni.

L-ACTS ser tgħin organizzazzjonijiet li jeħtieġu aktar gwida fil-koordinazzjoni, il-faċilitazzjoni, l-użu ta' din l-għodda, is-sejbien ta' soluzzjonijiet relatati mal-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, in-networking ma' msieħba pertinenti jew servizzi ta' għajnuna, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proċedimenti jew pjanijiet ta' azzjoni li jirriżultaw mill-awtovalutazzjoni.

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja issat@gov.mt

## 2.3 Liċenzja u Użu

*Għodda ta' Awtovalutazzjoni: Għodda parteċipattiva biex jiġu vvalutati u żviluppati b'mod riflessiv il-viżjoni, il-politiki u l-prattiki tal-organizzazzjoni tiegħek dwar l-inklużjoni u s-sostenibbiltà* © 2024 ta' Maria Brown u Carmel Borg; ikkummissjonata mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, Malta hija liċenzjata taħt Creative Commons Attribution-NonCommercial-NoDerivatives 4.0.

Biex tara kopja ta 'din il-liċenzja, żur:
https://creativecommons.org/licenses/by-nc-nd/4.0/

**Jekk jogħġbok irreferi għall-aħħar paġna ta 'dan il-ktejjeb għall-gwida dwar referenzjar.**

*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima A:

## L-Involviment tal-Komunitajiet u l-Imsieħba



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima A:** L-Involviment tal-Komunitajiet u l-Imsieħba

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- niddiskutu l-assi li għandhom l-imsieħba u l-komunitajiet fil-mira tal-organizazzjoni
- nippreżentaw l-għarfien kollettiv u l-lakuni fl-għarfien li l-organizzazzjoni għandha dwar l-imsieħba u l-komunità(ajiet) fil-mira tagħha;
- nidentifikaw il-kollaboraturi u s-sinerġiji li jtejbu l-involviment tal-imsieħba u l-komunità.

**Kliem ewlieni:** msejjes fuq l-assi (asset-based), tfassil ta' profili (profiling), sinerġija

| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex**<br>*eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./*<br>*Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) /*<br>*Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li...*<br>*(speċifika mill-inqas raġuni waħda).* |
|---|
| |

| Suġġerimenti | Dan isir regolarment *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar | Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan | Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir | Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu.... Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li...* |
| **1.** Is-sorsi ta' informazzjoni li l-organizzazzjoni tuża fl-operazzjonijiet tagħha huma aġġornati (fi kliem ieħor, is-sorsi ta' informazzjoni użati minn organizzazzjonijiet differenti jistgħu jvarjaw. *Eżempji jistgħu jinkludu rekords personali tal-utenti tas-servizzi, statistika ppubblikata, rapporti, studji ta' każijiet, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** Is-sorsi ta’ informazzjoni li tuża l-organizzazzjoni jinkludu informazzjoni soċjodemografika *(eż., is-sess, l-età, l-istat ċivili, il-post ta’ residenza, eċċ.).* | | | | | |
| **3.** Is-sorsi ta’ informazzjoni li tuża l-organizzazzjoni jinkludu informazzjoni pprovduta direttament mill-imsieħba. | | | | | |
| **4.** Is-sorsi ta’ informazzjoni li tuża l-organizzazzjoni jinkludu testimonjanzi personali jew episodji ta’ kuljum f’ħajjet jew ħidmet il-benefiċjarji tas-servizzi li l-organizzazzjoni tipprovdi. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5.** L-informazzjoni dwar gruppi soċjali fil-mira tal-organizzazzjoni tinforma l-politiki, l-ippjanar, l-attivitajiet, il-proġetti tal-organizzazzjoni, eċċ. | | | | | |
| **6.** L-organizzazzjoni għandha pjan direzzjonali jew pjan ta' azzjoni ta' involviment mal-komunità(ajiet) fil-mira tagħha jew mal-imsieħba. | | | | | |
| **7.** L-organizzazzjoni tuża firxa ta' **metodi** (dawn jistgħu jinkludu l-ġbir ta' informazzjoni, sessjonijiet ta' ħidma, eċċ.) biex tinvolvi lill-imsieħba — **b'attenzjoni għal sfondi u ħiliet diversi.** | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8.** L-organizzazzjoni tuża firxa ta' **riżorsi** biex tinvolvi lill-komunità(ajiet) fil-mira jew lill-imsieħba— **b'attenzjoni għal sfondi u ħiliet diversi.** *(eż., kontenut fil-lingwi meħtieġa, tradutturi, medjaturi kulturali, aċċess għal persuni b'diżabilità, pjattaformi, użu ta' xbihat li huma rappreżentattivi tad-diversità soċjali, ICT, midja, netwerks, fondi ta' Malta/Unjoni Ewropea (UE), eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **9.** Ikun hemm fis-seħħ proċeduri standard għall-monitoraġġ ta' min juża s-servizzi li tipprovdi l-organizzazzjoni biex tiżgura li s-servizzi jibqgħu rilevanti u jipprovdu għad-diversità. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **10.** Il-konsultazzjoni mal-komunità(ajiet) fil-mira u l-imsieħba tal-organizzazzjoni tinforma l-iżvilupp/ l-ottimizzazzjoni/ ir-reviżjoni tal-politiki, il-pjanijiet ta' azzjoni, l-attivitajiet, eċċ. | | | | | |
| **11.** L-organizzazzjoni għandha proċeduri fis-seħħ jew fil-pjan biex tittratta l-ilmenti. | | | | | |
| **12.** L-organizzazzjoni għandha għarfien jew qiegħda f'netwerks li jistgħu jgħinuha fl-iżvilupp ta' metodu parteċipattiv u msejjes fuq l-assi lejn l-involviment tal-komunità(ajiet) fil-mira jew l-imsieħba (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **13.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex tirreġistra li l-organizzazzjoni tinvolvi l-imsieħba u l-komunità(ajiet) fil-mira tagħha. | | | | | |

| **14. It-triq 'il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti:** <br>*Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' din it-taqsima.* |
|---|
| |

**15. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**
*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| Kwistjoni/ Għan | Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni | Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima B:

## Tmexxija, Governanza u Ġestjoni



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima B:** Tmexxija, Governanza u Ġestjoni

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- nelenkaw il-prattiki ta' tmexxija, governanza u ġestjoni ta' kwalità li jikkaratterizzaw l-organizzazzjoni;
- neżaminaw l-istruttura/skema organizzattiva (organigramma) tal-organizzazzjoni b'attenzjoni għad-dinamiċi eżistenti u prospettivi tat-tmexxija, il-governanza u l-ġestjoni; u
- nidentifikaw opportunitajiet għal rappreżentanza usa' u aktar devoluta fi ħdan l-istrutturi ta' tmexxija, governanza, u ġestjoni tal-organizzazzjoni.

**Kliem ewlieni:** kollużjoni, kunflitt ta' interess, devoluzzjoni, meritokrazija, organigramma, proċedura operattiva standard (standard operating procedure)

| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex** *eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./ Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) / Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li... (speċifika mill-inqas raġuni waħda)* |
|---|
| |

| **Suġġerimenti** | **Dan isir regolarment** *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | **Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar** | **Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan** | **Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir** | **Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu…. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li…* |
| **1.** Inklużjoni u integrazzjoni huma kliem li jidhru fil-missjoni, fil-politiki, fid-deskrizzjonijiet tal-irwoli, eċċ. tal-organizzazzjoni. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** L-iskema organizzattiva (organigramma) tal-organizzazzjoni hija ddokumentata. | | | | | |
| **3.** Id-deskrizzjonijiet, id-dmirijiet u d-drittijiet pertinenti għall-irwoli kollha fl-organizzazzjoni huma ddokumentati. | | | | | |
| **4.** Persuni li jissieħbu f'din l-organizzazzjoni jiġu indotti (inducted) fil-kultura organizzattiva (valuri, standards, prattiki, eċċ.). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ proċeduri operattivi standard (standard operating procedures). | | | | | |
| **6.** L-organizzazzjoni tirrevedi internament l-organigramma (skema organizzattiva), l-irwoli relatati, u l-proċeduri operattivi standard tagħha. | | | | | |
| **7.** L-organizzazzjoni għandha aktar minn persuna waħda li tieħu d-deċiżjonijiet, eż., grupp jew kumitat ta' persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8.** L-istruttura(i) tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni tinkludi /jinkludu rappreżentanti tal-komunità(ajiet) fil-mira jew tal-imsieħba tagħha. | | | | | |
| **9.** Il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjoni jinkludu spazji u opportunitajiet għal djalogu ġenwin fejn jinteraġixxu, jiddiskutu, jiddibattu, eċċ. | | | | | |
| **10.** Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jinħatru meritokratikament jew jiġu eletti demokratikament, skont kriterji jew proċeduri operattivi standard. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **11.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ sistema ta' appell li hija aċċessibbli għall-persuni kollha fi ħdan l-organizzazzjoni li jixtiequ jappellaw deċiżjoni jew jikkontestaw xi ħaġa li qed isseħħ jew li seħħet. | | | | | |
| **12.** L-organizzazzjoni tipprovdi lill-persuni li jaħdmu fi ħdanha informazzjoni u għajnuna biex jitnaqqsu r-riskji ta' kunflitti ta' interess, jew theddid ieħor għat-trasparenza u l-governanza, eż., formoli biex jiġi ddikjarat kunflitt ta' interess (eżempju ta' formola ta' kunflitt ta' interess) u gwida dwar meta dawn jeħtieġ li jiġu ppreżentati. | | | | | |
| **13.** L-organizzazzjoni għandha gruppi ta' ħidma jew task forces fejn jistgħu jiġu żviluppati ideat u proċeduri ġodda u mbagħad jiġu proposti lill-maniġment/it-tmexxija. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **14.** Is-sistema ta’ tmexxija, governanza jew ġestjoni tal-organizzazzjoni hija evalwata minn entità esterna (external quality assurance). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **15.** L-organizzazzjoni għandha għarfien jew netwerks li jistgħu jgħinuha fit-tisħiħ tat-tmexxija, il-governanza u l-ġestjoni tagħha (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **16.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex tirreġistra li l-organizzazzjoni tinvolvi l-imsieħba jew l-komunità(ajiet) fil-mira tagħha. | | | | | |

| **17. It-triq ’il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti:**<br>*Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma’ din it-taqsima.* |
| --- |
| |

**18. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**
*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| Kwistjoni/ Għan | Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni | Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima Ċ:

## Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima Ċ:** Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- nelenkaw metodi u prattiki ta' komunikazzjoni u relazzjonijiet pubbliċi li jippermettu l-involviment ta' skambji u djalogu mal-komunità(ajiet) fil-mira u l-imsieħba tal-organizzazzjoni;
- niddiskutu kif jistgħu jintużaw b'mod effettiv il-pjattaformi u l-mezzi ta' komunikazzjoni diversi, inkluża l-midja soċjali; u
- nidentifikaw modi kif l-organizzazzjoni (tista') trawwem il-litteriżmu fil-midja u l-politika.

**Kliem ewlieni:** markar (branding), diplomazija kulturali, Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-'Data' (GDPR), 'mainstream' u 'non-mainstream', litteriżmu fil-midja, litteriżmu politiku.

| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex** *eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./* *Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) /* *Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li...* *(speċifika mill-inqas raġuni waħda).* |
| --- |
| |

| Suġġerimenti | Dan isir regolarment *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar | Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan | Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir | Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu.... Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li...* |
| **1.** L-organizzazzjoni tivverifika li dak li tikkomunika u kif tikkomunikah jirriflettu dak li tirrappreżenta, u fl-interess tal-komunità(ajiet) fil-mira tagħha. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ protokoll/proċedura operattiva standard ta' komunikazzjonijiet deħlin u/jew ħerġin. | | | | | |
| **3.** L-organizzazzjoni tinvesti l-ħin u r-riżorsi fil-verifika tal-fatti jew fil-preżentazzjoni ta' diversi sorsi, inklużi l-vuċijiet 'non-mainstream'. | | | | | |
| **4.** L-organizzazzjoni għandha salvagwardji kontra li tirċievi, u/jew tapprova, u/jew onboarding ta' kontenut qarrieqi/ mhux etiku (eż., diskors ta' mibegħda). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5.** L-organizzazzjoni għandha salvagwardji kontra l-komunikazzjoni ta’ kontenut qarrieqi/ mhux etiku (eż., diskors ta’ mibegħda). | | | | | |
| **6.** Il-membri tal-organizzazzjoni li jeħtieġ li jkunu jafu l-GDPR biex iwettqu l-irwol tagħhom huma infurmati dwaru u/jew irċevew taħriġ dwar dan. | | | | | |
| **7.** L-organizzazzjoni għandha s-salvagwardji biex tikkomunika b’mod konformi mal-GDPR. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8.** L-organizzazzjoni twettaq analiżi tal-udjenza(i) attwali jew potenzjali tagħha. | | | | | |
| **9.** L-organizzazzjoni għandha salvagwardji biex tikkomunika, tilħaq, jew tipprovdi servizzi b'mod aċċessibbli u inklużiv, eż., biex tilħaq b'mod effettiv persuni inqas litterati diġitalment jew alfabetikament, persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali, eċċ. | | | | | |
| **10.** L-istrateġija ta' komunikazzjoni/ sensibilizzazzjoni tal-organizzazzjoni hija ddokumentata. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **11.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ proċedura standard ta' segwitu (follow-up procedure), biex tiżgura li kull min jilħaq l-organizzazzjoni jitwieġeb b'mod etiku u f'waqtu. | | | | | |
| **12.** L-irwoli tal-organizzazzjoni jinkludu mill-inqas uffiċjal wieħed tal-komunikazzjoni jew tar-relazzjonijiet pubbliċi kkwalifikat jew tas-sengħa. | | | | | |
| **13.** L-organizzazzjoni għandha biżżejjed riżorsi umani kompetenti biex taqdi l-ħtiġijiet kollha ta' komunikazzjoni deħlin u/jew ħerġin. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **14.** L-organizzazzjoni tuża riċerka jew informazzjoni dwar persuni (‘data’) biex tinforma l-komunikazzjonijiet u r-relazzjonijiet pubbliċi tagħha *(eż., focus groups, stħarriġ, pilotaġġ, użu tal-midja soċjali mis-segwaċi, eċċ.).* | | | | | |
| **15.** L-organizzazzjoni għandha għarfien jew netwerks li jistgħu jgħinuha fit-tisħiħ tal-komunikazzjonijiet/ relazzjonijiet pubbliċi tagħha (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |
| **16.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex jiġi rreġistrat l-impenn tal-organizzazzjoni fil-komunikazzjonijiet u r-relazzjonijiet pubbliċi. | | | | | |

| 17. It-triq 'il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti: |
| --- |
| *Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' din it-taqsima.* |
| |

**18. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**
*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| **Kwistjoni/ Għan** | **Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni** | **Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni** | **Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni** *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | **Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni** *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | **Kummenti oħra** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima D:

## Żvilupp Sostenibbli



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima D:** Żvilupp Sostenibbli

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- nirrelataw it-tkabbir tal-organizzazzjoni (reċenti u pproġettat fil-futur qarib) mal-użu korrispondenti tar-riżorsi (inklużi r-riżorsi umani);
- niddiskutu l-involviment tal-organizzazzjoni mal-iżvilupp sostenibbli; u
- nidentifikaw prattiki ta' żvilupp sostenibbli li jistgħu jiġu integrati fl-operazzjonijiet li għaddejjin bħalissa jew fil-futur qarib tal-organizzazzjoni.

**Kliem ewlieni:** binarji u mhux binarji, ugwaljanza, ekwità, inklużjoni, integrazzjoni, bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

| |
|---|
| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex** *eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./ Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) / Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li... (speċifika mill-inqas raġuni waħda).* |
| |

| **Suġġerimenti** | **Dan isir regolarment** *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | **Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar** | **Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan** | **Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir** | **Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu…. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li…* |
| **1.** Il-pjan direzzjonali/il-pjan ta' azzjoni/il-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni eċċ. huma infurmati minn valutazzjonijiet tal-impatt (eż., valutazzjoni tal-impatt soċjali jew ambjentali. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** Il-missjoni tal-organizzazzjoni tindirizza wieħed jew aktar mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) [1] u/jew l-Istrateġija ta' Malta għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050, u/jew strateġija nazzjonali pertinenti *(jekk jogħġbok speċifika).* | | | | | |
| **3.** L-organizzazzjoni hija msieħba ma' entitajiet ibbażati f'Malta jew fl-UE li jippromwovu wieħed jew aktar mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. | | | | | |

*[1]* Is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU

*1. L-Ebda Faqar*
*2. Żero Ġuħ*
*3. Saħħa Tajba u Benesseri*
*4. Edukazzjoni ta' Kwalità*
*5. Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri*
*6. Ilma Nadif u Sanità*
*7. Enerġija Affordabbli u Nadifa*
*8. Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku*
*9. Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura*
*10. Tnaqqis fl-Inugwaljanzi*
*11. Bliet u Komunitajiet Sostenibbli*
*12. Konsum u Produzzjoni Responsabbli*
*13. Azzjoni Klimatika*
*14. Ħajja Taħt l-Ilma*
*15. Ħajja Fuq l-Art*
*16. Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'Saħħithom*
*17. Sħubijiet għall-Għanijiet*

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **4.** L-organizzazzjoni għandha strateġija jew pjan direzzjonali fis-seħħ dwar kif tintegra s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU kollha/ xi wħud minnhom fil-missjoni u l-operazzjonijiet tagħha. | | | | | |
| **5.** Investiment finanzjarju jew mhux finanzjarju li l-organizzazzjoni għamlet reċentement, jew li ser tkun qed tagħmel *(eż., fit-12–24 xahar li ġejjin)*, jixhed l-impenn tagħha lejn wieħed jew aktar mis-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. | | | | | |
| **6.** Fl-organizzazzjoni hemm mill-inqas uffiċjal wieħed li r-responsabbiltajiet tiegħu/tagħha jinkludu t-tmexxija u s-sorveljanza tal-użu dejjem aktar sostenibbli tar-riżorsi tal-organizzazzjoni, inklużi r-riżorsi umani. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **7.** L-organizzazzjoni qed turi **ħila adattiva u/jew proattiva** għal bidla ftit jew wisq mistennija *(bidla soċjali, bidla ekonomika, ambjentali, eċċ., pereżempju, COVID-19, tibdil fil-klima, multikulturaliżmu, bidliet fil-popolazzjoni, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8.** L-organizzazzjoni qed tuża jew tikkondividi ma' entitajiet oħra miżuri adattivi u/jew proattivi biex tinkludi gruppi soċjali assoċjati mad-diskriminazzjoni, l-inugwaljanzi, l-esklużjoni soċjali. *(eż., miżuri u faċilitajiet favur il-familja, l-użu ta' bini li jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità jew li għandhom mezzi limitati; il-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut rappreżentattiv dwar id-diversità (id-diversità tal-ġeneri, in-newrodiversità, eċċ.)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **9.** Kwalunkwe xogħol imħallas fi ħdan l-organizzazzjoni huwa rregolat b'kuntratti ta' impjieg. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **10.** L-organizzazzjoni tgħin iż-żamma ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-uffiċjali tagħha *(eż., permezz ta' miżuri favur il-familja, miżuri ta' saħħa u benesseri, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **11.** L-organizzazzjoni għandha politika/parti mill-istatut, rikonoxximent estern, jew prattiki fis-seħħ li jintegraw l-ugwaljanza, id-diversità, l-inklużjoni, l-aċċessibbiltà, eċċ. *(ġeneru, identità sesswali, orjentazzjoni sesswali, età, sfond etniku, eċċ.) — pereżempju Pjan għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Ċertifikat tal-Marka tal-Ugwaljanza mogħti mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **12.** Meta jsir tiftix għal sorsi ta' provvista ta' servizz professjonali, l-organizzazzjoni tikkunsidra dawk elenkati fid-Direttorju tan-Nisa Professjonisti tal-NCPE, jew tadotta metodoloġija komparabbli ta' akkwist li tfittex l-ugwaljanza. | | | | | |
| **13.** L-organizzazzjoni trawwem tixjiħ attiv internament, jew permezz tal-operazzjonijiet tagħha. | | | | | |
| **14.** Fl-organizzazzjoni hemm mill-inqas uffiċjal wieħed li r-responsabbiltajiet tiegħu jinkludu kompiti relatati mar-riċerka. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **15.** L-infrastruttura tal-organizzazzjoni hija **aċċessibbli** għal dawk kollha li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-organizzazzjoni, irrispettivament mid-differenzi soċjodemografiċi jew ta' ħila *(eż., kamra tal-banju għal persuni li ma jidentifikawx bħala rġiel jew nisa, sinjali tas-smigħ u tal-Braille għal dawk bi problemi viżwali, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **16.** L-organizzazzjoni għandha għarfien jew netwerks li jistgħu jgħinuha fit-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli tagħha (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **17.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex jiġi rreġistrat l-impenn tal-organizzazzjoni fl-iżvilupp sostenibbli. | | | | | |

| **18. It-triq ’il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti:**<br>*Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma’ din it-taqsima.* |
|---|
| |

**19. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**
*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| Kwistjoni/ Għan | Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni | Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima E:

## Żvilupp Professjonali



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima E:** Żvilupp Professjonali

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- nelenkaw il-prattiki li jrawmu l-iżvilupp professjonali inklużiv tar-riżorsi umani;
- nanalizzaw il-kompetenzi u l-ħiliet eżistenti jew potenzjali bl-użu tal-edukazzjoni tul il-ħajja u r-rikonoxximent ta' perspettivi ta' tagħlim preċedenti/mhux formali; u
- nidentifikaw l-imsieħba ikkonċernati li jistgħu jgħinu l-iżvilupp professjonali inklużiv

**Kliem ewlieni:** azzjoni affermattiva, żvilupp professjonali kontinwu, mentoraġġ (mentoring), mikrokredenzjali, evalwazzjoni tal-prestazzjoni, kwoti, rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti, rubrika (rubric), 'shadowing', ħiliet trasferibbli

| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex** *eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./*<br>*Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) /*<br>*Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li... (speċifika mill-inqas raġuni waħda).* |
| --- |
| |

| Suġġerimenti | Dan isir regolarment *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar | Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan | Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir | Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna |
|---|---|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu.... Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li...* |
| **1.** Rwoli fi ħdan l-organizzazzjoni jrawmu t-tkabbir/l-iżvilupp professjonali (*eż., il-kisba ta' għarfien ġdid u ħiliet (trasferibbli), avvanz fil-karriera tal-pjattaforma fi ħdan l-organizzazzjoni jew lil hinn minnha, benesseri mentali u emozzjonali, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** Id-deskrizzjonijiet tal-irwoli jirriflettu l-għanijiet ta' inklużjoni u integrazzjoni, u huma riveduti għal skopijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità. | | | | | |
| **3.** L-għanijiet tal-iżvilupp professjonali tal-uffiċjali tal-organizzazzjoni huma integrati fl-istrateġija/fil-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni. | | | | | |
| **4.** Fost l-irwoli magħżula tal-organizzazzjoni hemm mill-inqas wieħed b'għarfien espert fl-iżvilupp tar-riżorsi umani/gwida għall-karriera. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5.** L-organizzazzjoni għandha aċċess miftuħ jew manwal aċċessibbli li jirregola r-reklutaġġ, ir-remunerazzjoni, il-promozzjonijiet, it-tkabbir professjonali, l-iżvilupp, eċċ. | | | | | |
| **6.** Il-kriterji ta' reklutaġġ u ta' promozzjoni huma msejsa fuq il-mertu li huwa kkwantifikat jew ikkwalifikat b'rubrika (rubric) użata minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. | | | | | |
| **7.** Il-proċeduri ta' reklutaġġ u ta' promozzjoni tal-organizzazzjoni japprovaw ir-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali, it-tagħlim mhux formali jew dak preċedenti. | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **8.** L-organizzazzjoni tiċċelebra r-riżorsi umani tagħha *(eż., bullettin jew posts fuq il-midja soċjali biex tħabbar rekluti ġodda, promozzjonijiet, kisbiet miksuba minn barra l-organizzazzjoni, eċċ.).* | | | | | |
| **9.** L-organizzazzjoni tiċċelebra d-diversità fost ir-riżorsi umani u l-imsieħba tagħha. *(eż., tagħti viżibilità pożittiva lill-persuni b'diżabilità, persuni LGBTIQ+, ġenituri, barranin, eċċ. fuq il-bullettin jew posts fuq il-midja soċjali, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **10.** L-organizzazzjoni għandha politiki jew mekkaniżmi fis-seħħ jew li qed jiġu żviluppati biex jiġi żgurat li l-ebda uffiċjal ma jkun eskluż mill-iżvilupp professjonali *(eż., pjan ta' ekwità / ugwaljanza bejn is-sessi+, azzjonijiet affermattivi, bħal kwoti kontra 's-saqaf tal-ħġieġ', ġbir ta' informazzjoni dwar id-diversità tal-applikanti, rekluti, promossi, intervistaturi esterni/ membri ta' bordijiet ta' reklutaġġ, sistema ta' appelli, awditjar,assigurazzjoni tal-kwalità, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **11.** L-organizzazzjoni tinvesti ħin u riżorsi fl-iżvilupp professjonali tal-uffiċjali tagħha. *(eż., induzzjoni, mentoraġġ, 'buddying', 'shadowing', evalwazzjonijiet, mikrokredenzjali, taħriġ ta' sponsorizzazzjoni, eċċ.)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **12.** Titwettaq evalwazzjoni tal-prestazzjoni mal-uffiċjali kollha fi ħdan l-organizzazzjoni. | | | | | |
| **13.** L-uffiċjali kollha fi ħdan l-organizzazzjoni għandhom pjan ta' żvilupp professjonali personalizzat, li huma koawturi tiegħu, u li jirrevedu flimkien. | | | | | |
| **14.** L-organizzazzjoni tinkoraġġixxi b'mod attiv l-iżvilupp professjonali kontinwu / l-edukazzjoni tul il-ħajja tal-uffiċjali kollha tagħha. *(eż., l-għoti ta' leave speċjali, sigħat imnaqqsa, issekondar, approvazzjonijiet, taħriġ ta' sponsorizzazzjoni, eċċ.)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **15.** L-organizzazzjoni hija infurmata sew dwar l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali. *(eż., sottoskritti għal bullettini ta' assoċjazzjonijiet professjonali / entitajiet pertinenti li jipprovdu żvilupp professjonali kontinwu)* | | | | | |
| **16.** L-organizzazzjoni tospita programmi ta' 'internship' / 'coaching' / mentoraġġ / 'shadowing'. | | | | | |
| **17.** It-taħriġ intern, l-iżvilupp professjonali u l-opportunitajiet ta' avvanz fil-karriera huma aċċessibbli għall-uffiċjali kollha. | | | | | |
| **18.** L-organizzazzjoni għandha għarfien jew netwerks li jistgħu jgħinuha fit-tisħiħ tal- iżvilupp professjonali skont is-suġġerimenti diskussi f'din it-taqsima (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **19.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex tirreġistra l-involviment tal-organizzazzjoni fl-iżvilupp professjonali. | | | | | |

| **20. It-triq 'il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti:**<br>*Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' din it-taqsima.* |
|---|
| |

**21. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**

*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| Kwistjoni/ Għan | Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni | Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 03. GĦODDA TA' AWTOVALUTAZZJONI

## Taqsima F:

## Prattika Riflessiva



*~ paġna intenzjonalment imħallija vojta ~*
*Daħħal it-taqsima rilevanti*

# **Taqsima F:** Prattika Riflessiva

**L-Għanijiet**

*L-involviment f'din it-taqsima ser jippermettilna, bħala rappreżentanti tal-organizzazzjoni, li:*

- nidentifikaw l-ispazji u l-perjodi ta' żmien li l-organizzazzjoni tista' tuża biex tipprattika jew tiżviluppa aktar it-tagħlim miksub; u
- niżviluppaw Pjan ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni.

**Kliem ewlieni:** valutazzjoni tal-impatt ambjentali jew soċjali (environmental / social impact assessment), monitoraġġ u evalwazzjoni, 'peer-to-peer', assigurazzjoni tal-kwalità.

| **Nota: Jekk l-organizzazzjoni tiegħek tiddeċiedi li ma tużax din it-Taqsima, ikteb nota qasira hawn taħt biex tispjega għaliex** *eż., Aħna qed nippjanaw li nimpenjaw ruħna f'din it-Taqsima f'sessjoni futura ta' awtovalutazzjoni, speċifikament, fi żmien 6 xhur, fi żmien 12-il xahar, eċċ./* *Aħna impenjajna ruħna f'din it-taqsima matul l-aħħar sessjoni ta' awtovalutazzjoni, speċifikament (daħħal l-informazzjoni) /* *Din it-taqsima mhijiex rilevanti għall-objettivi / missjoni / programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li... (speċifika mill-inqas raġuni waħda).* |
| --- |
| |

| **Suġġerimenti** | **Dan isir regolarment** *eż., perjodikament, kull xahar jew xahrejn, kull tliet xhur, kull sena, kurrenti, eċċ.* | **Dan qed isir, iżda jista' jitjieb, jew jiġi żviluppat aktar** |
|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Eżempji prattiċi jinkludu…. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-organizzazzjoni (daħħal il-link), JEW rapport ippubblikat jew mhux ippubblikat (daħħal it-titlu, is-sena, il-link, eċċ. jekk meħtieġ)* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'sar s'issa? X'jeħtieġ li jiġi żviluppat aktar?* |
| **1.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ politika jew proċedura(i) tal-assigurazzjoni tal-kwalità. | | |

| **Suġġerimenti** | **Dan mhux qed isir s'issa, iżda qiegħed fil-pjan** | **Issa li qed inwettqu dan l-eżerċizzju ta' awtovalutazzjoni, qed nikkunsidraw li dan jista' jsir** | **Dan mhux qed isir / M'hemm l-ebda pjan biex dan isir / Dan mhuwiex applikabbli għall-organizzazzjoni tagħna** |
|---|---|---|---|
| | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod is-sitwazzjoni attwali, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *Kif jiġi żgurat il-pjan? (eż., strateġija, minuti, grupp ta' ħidma). Kemm hem bżonn żmien? Hemm xi riskji u miżuri ta' mitigazzjoni fis-seħħ?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra li jispjegaw: *X'inhuma r-raġunijiet? Min ser ikun involut? Kemm hemm bżonn żmien?* | Jekk din it-tweġiba tirrifletti bl-aħjar mod il-pożizzjoni / is-sitwazzjoni attwali tal-organizzazzjoni tiegħek dwar dan, hawn taħt inkludi noti qosra dwar l-evidenza relatata. Suġġerimenti utli jistgħu jinkludu: *X'inhuma r-raġunijiet? (eż., Ma nafux b'xi entitajiet li nistgħu nikkollaboraw magħhom jew li jistgħu jgħinuna f'dan / Dan mhuwiex rilevanti għall-objettivi/missjoni/programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni tagħna minħabba li…* |
| **1.** L-organizzazzjoni għandha fis-seħħ politika jew proċedura(i) tal-assigurazzjoni tal-kwalità. | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **2.** L-organizzazzjoni tuża pjan(ijiet) ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. *(eż., Biex issegwi l-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji, il-pjanijiet ta' azzjoni tagħha, eċċ.).* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **3.** Il-kalendarju tal-avvenimenti tal-organizzazzjoni jinkludi opportunitajiet biex issir riflessjoni profonda u awtentika dwar il-prestazzjoni u l-iżvilupp tal-organizzazzjoni *(eż., eżerċizzji ta' awtovalutazzjoni, jum ta' żvilupp, jum tat-tim, eċċ.)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **4.** Il-kalendarju tal-avvenimenti tal-organizzazzjoni jinkludi opportunitajiet biex issir riflessjoni profonda u awtentika dwar il-ħajja ta' kuljum tal-organizzazzjoni, id-dinamika tal-komunità, il-ħin u l-ispazju sabiex b'mod sikur jistaqsu/ jisfidaw/ jiddjalogaw/ jiddiskutu/ jiddibattu b'mod **kritiku** u **kostruttiv**, eċċ. *(eż., eżerċizzji ta' awtovalutazzjoni, jum ta' żvilupp, jum tat-tim, spazji u opportunitajiet informali, eċċ)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5.** L-organizzazzjoni titlob 'feedback' mill-imsieħba u komunità(ajiet)-klijenta(i) fil-tagħha. *(eż., valutazzjoni tal-impatt, stħarriġ, jew eżerċizzji oħra ta' ġbir ta' feedback)* | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **6.** L-organizzazzjoni tikkunsidra serjament dak li jirriżulta mill-'feedback' u mill-evalwazzjoni. *(eż., tinkludi dawn il-fatturi fit-tfassil tal-politika, l-istrateġija, il-programm ta' ħidma, eċċ.)* | | | | | |
| **7.** L-organizzazzjoni pparteċipat jew tipparteċipa f'evalwazzjoni/ reviżjonijiet, flimkien ma' organizzazzjoni komparabbli jew fi ħdan forum/ pjattaforma/ assoċjazzjoni umbrella, eċċ.). | | | | | |
| **8.** L-organizzazzjoni jkollha għarfien ta', jew tkun f'netwerk ma' kuntatti li jistgħu jgħinuha fit-tisħiħ tal-prattika riflessiva tagħha (tal-Istat, l-UE, kuntatti oħra). | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **9.** Aspetti oħra li tħoss li għandhom jissemmew hawnhekk biex jiġi rreġistrat l-involviment tal-organizzazzjoni mal-prattika riflessiva: | | | | | |

| |
|---|
| **10. It-triq 'il quddiem, noti, mistoqsijiet u kummenti:**<br>*Uża dan l-ispazju biex tirreġistra kwalunkwe informazzjoni oħra relatata ma' din it-taqsima.* |
| |

**18. Monitoraġġ u Evalwazzjoni:**
*Il-qafas ta' monitoraġġ ta' hawn taħt jista' jiġi adattat kif meħtieġ biex jidentifika kwistjoni(jiet) jew għan(ijiet), punt(i) ta' azzjoni, tul ta' żmien mistenni, persuna(i) responsabbli, riżorsi meħtieġa minn ġewwa / barra l-organizzazzjoni, persuni / entitajiet li għandhom jiġu kkuntattjati fi ħdan / barra l-organizzazzjoni.*

*Aktar għajnuna biex dan il-qafas jiġi żviluppat, jew kwalunkwe informazzjoni tista' tintalab mill-ACTS,* issat@gov.mt

| Kwistjoni/ Għan | Punt(i) ta' azzjoni u tul ta' żmien mistenni | Persuna/i responsabbli għal kull punt ta' azzjoni | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn ġewwa l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Għal kull punt ta' azzjoni: Riżorsi meħtieġa minn barra l-organizzazzjoni *(jekk applikabbli, inklużi kuntatti jew riżorsi umani, spazji, faċilitajiet, tagħmir, eċċ.)* | Kummenti oħra |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

# TMIEM IT-TAQSIMA

# 04. GLOSSARJU

**Assigurazzjoni tal-kwalità**
Prattiki mfassla u implimentati biex jevalwaw il-kisba tal-għanijiet skont l-istandards meħtieġa. L-evalwatur (assessur jew awditur) jista' jiġi miksub internament jew esternament, eż., kwalità li tiżgura inizjattiva ta' taħriġ jew l-għoti ta' trattament mediku.

**Azzjoni affermattiva**
Politika jew miżura li tfittex li tikkontrobilanċja żvantaġġ jew nuqqas, eż., il-mekkaniżmu korrettiv tal-ġeneru stabbilit fis-sistema elettorali Maltija biex jippromwovi r-rappreżentanza tal-ġeneru(i) sottorappreżentat(i) fil-parlament nazzjonali.

B**ilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata**
Stat li fih il-ħtiġijiet tax-xogħol u tal-ħajja privata, ir-rutini, l-aspettattivi, it-trajettorji, eċċ. ma jikkompromettux lil xulxin. Il-liġijiet, il-politiki, l-istrateġiji, il-prattiki, eċċ. jistgħu jitfasslu u jiġu implimentati għal dan il-għan, eż., ħinijiet tax-xogħol favur il-familja, id-dritt ta' skonnessjoni.

**Binarju (mhux binarju)**
Li jkollok żewġ partijiet stabbiliti, jew is-suppożizzjoni ta' dan, eż., il-fehim tal-ġeneru bħala binarju jfisser li hemm biss żewġ sessi, irġiel u nisa. Mhux binarju huwa meta dan il-mudell stabbilit b'żewġ partijiet jiġi skreditat, eż., persuna li mhijiex binarja ma tidentifikax bħala raġel jew mara.

**Devoluzzjoni**
Id-delega tas-setgħa lil livell aktar baxx tal-ġerarkija, eż., dak li mmotiva t-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta.

**Diplomazija kulturali**
Meta l-iskambju ta' ideat, informazzjoni, arti, lingwa, u aspetti oħra ta' dan isiru biex jitrawmu l-fehim, il-kollaborazzjoni, u l-paċi, pereżempju, il-ġemellaġġ bejn żewġ entitajiet ta' governanza lokali li jinsabu f'reġjuni jew pajjiżi differenti.

**Djalogu: djalogu awtentiku kontra l-psewdodjalogu**
Djalogu awtentiku huwa meta l-partijiet ikunu ġenwinament impenjati li jisimgħu, jesploraw, u jikkunsidraw il-fehmiet ta' xulxin, u jirrispondu kif xieraq, billi jinkorporaw, jisfidaw, jew jinnegozjaw termini (skont il-każ) filwaqt li jżommu rispett reċiproku, fehim u riflessjoni kritika. B'kuntrast ma' dan, il-psewdodjalogu jinvolvi interazzjonijiet superfiċjali, żbilanċi tal-poter, kunsens jew feedback falz jew qarrieqi, u/jew it-trażżin ta' vuċijiet li ma jaqblux, li jfixklu l-komunikazzjoni ġenwina u l-bidla trasformattiva.

**Ekwità**
Meta l-aċċess u s-sehem tar-riżorsi jew l-opportunitajiet ikunu mfassla u amministrati biex jikkontrobilanċjaw żvantaġġ jew żbilanċ eżistenti, eż., il-forniment ta' 'learning support educator'.

**Evalwazzjoni tal-prestazzjoni**
Evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' persuna fi ħdan l-organizzazzjoni, imwettqa mal-persuna kkonċernata, bl-użu ta' kriterji meqjusa importanti biex jiġi ssodisfat l-irwol speċifiku tal-persuna, u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-organizzazzjoni. Il-punti b'saħħithom, id-dgħufijiet, u l-oqsma għat-titjib biex jiggwidaw l-iżvilupp professjonali u personali tal-persuna huma identifikati u diskussi.

**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (sustainable development goals)**
Sett ta' 17-il għan globali stabbilit min-Nazzjonijiet Uniti fl-2015, bl-għan li jiġu indirizzati diversi sfidi soċjali, ekonomiċi u ambjentali madwar id-dinja sal-2030. B'mod speċifiku: L-Ebda Faqar, Żero Ġuħ, Saħħa Tajba u Benesseri, Edukazzjoni ta' Kwalità, Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri, Ilma Nadif u Sanità , Enerġija Affordabbli u Nadifa, Xogħol Diċenti u Tkabbir Ekonomiku, Industrija, Innovazzjoni u Infrastruttura, Tnaqqis fl-Inugwaljanzi, Bliet u Komunitajiet Sostenibbli, Konsum u Produzzjoni Responsabbli, Azzjoni Klimatika, Ħajja Taħt l-Ilma, Ħajja Fuq l-Art, Paċi, Ġustizzja u Istituzzjonijiet b'Saħħithom, Sħubijiet għall-Għanijiet. Aktar informazzjoni hija disponibbli hawn: https://sdgs.un.org/goals

**Ħiliet trasferibbli**
Ħila, kompetenza jew għarfien espert li jistgħu jintużaw, bi profitt, f'varjetà ta' rwoli jew okkupazzjonijiet, eż., stamina, komunikazzjoni effettiva, ħila għas-soluzzjoni tal-problemi, awtokontroll.

**Inklużjoni**
L-użu ta' liġijiet, politiki, strateġiji, prattiki, eċċ. biex titrawwem il-parteċipazzjoni ta' persuni jew gruppi (spiss minoranzi, eż., migranti, persuni b'diżabilità, persuni LGBTIQ+, persuni b'aċċess diġitali limitat jew b'kompetenza diġitali limitata, eċċ.) li għandhom karatteristiċi li jiddistingwuhom mill-bqija jew ipoġġuhom fi żvantaġġ f'kuntest speċifiku, pereżempju, l-inklużjoni ta' studenti b'diżabilità speċifika fil-klassi ġenerali.

**Integrazzjoni**
L-użu ta' liġijiet, politiki, strateġiji, prattiki, eċċ. biex jitrawmu l-konnessjonijiet u l-konvivalità f'kuntest li fih differenzi notevoli bejn persuni jew gruppi, eż., il-ftuħ ta' spazju multi-reliġjuż aċċessibbli għal persuni ta' twemmin reliġjuż differenti.

**Imsieħba**
Persuni jew entitajiet li għandhom interess fil-programm ta' ħidma tal-organizzazzjoni u t-tmexxija tagħha. Dawn jistgħu jinkludu benefiċjarji, kontributuri interni jew esterni, impjegati, voluntiera, kollaboraturi, eċċ.

**Kollużjoni**
Ftehim jew kollaborazzjoni illeċita li tfixkel il-kompetizzjoni ġusta, eż., meta żewġ persuni jaħdmu flimkien biex jissottomettu proposta li kellha tiġi żviluppata permezz ta' sforz individwali.

**Kunflitt ta' interess**
Meta l-valutazzjoni jew id-deċiżjoni ta' persuna tkun (f'riskju li tkun) preġudikata minn interess li mhuwiex kriterju għall-valutazzjoni speċifika jew għas-sitwazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet, eż., li tkun membru ta' bord tal-għażla, fejn tintervista kandidati għal impjieg li jinkludu membru tal-familja.

**Kwoti**
Ir-rekwiżit li jkun hemm numru minimu jew massimu fiss ta' grupp partikolari għal skop speċifiku, jew f'kuntest speċifiku, eż, meta l-partiti politiċi jistabbilixxu jew ikunu meħtieġa li jkollhom numru jew perċentwal speċifiku ta' kandidati minn grupp soċjali speċifiku (bħal nisa) fuq il-karta tal-vot.

**Litteriżmu fil-midja**
Il-ħila li tagħraf l-interessi, il-preġudizzji, l-għanijiet, eċċ. li jimmotivaw il-kontenut tal-midja, eż., għaliex gazzetta speċifika tippubblika ritratti speċifiċi ta' figuri pubbliċi speċifiċi fi żmien speċifiku; kopertura estensiva mill-midja tal-istat tal-impenji ta' kuljum tal-gvern fil-kariga.

**Litteriżmu politiku**
Il-ħila li taqra u tifhem l-interessi, l-aġendi, u l-proċessi involuti meta tkun f'sitwazzjoni partikolari fejn l-akkwist u ż-żamma tal-poter ikunu f'riskju, eż., donazzjonijiet minn grupp ta' interess speċjali biex jiffinanzjaw kampanja elettorali ta' partit politiku.

**'Mainstream', u 'non-mainstream'**
Meta idea, attitudni, qasam ta' għarfien jew attività ikunu kondiviżi mill-biċċa l-kbira, ikunu meqjusa konvenzjonali f'kuntest speċifiku, ikunu standardizzati jew rikonoxxuti bħala ewlenin, eż., it-twemmin reliġjuż li miegħu tassoċja l-maġġoranza tal-popolazzjoni matul perjodu storiku partikolari. 'Mainstreaming' jinvolvi l-proċess sabiex dan isir, eż., l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u d-diversità fi pjanijiet jew strateġiji ta' azzjoni ta' organizzazzjoni. 'Non-mainstream' hija meta idea, attitudni, qasam ta' għarfien, attività, eċċ. jitqiesu bħala mhux konvenzjonali jew mhux popolari, pereżempju l-wiri ta' films mhux bl-Ingliż f'Malta.

**Markar (branding)**
Il-promozzjoni jew il-komunikazzjoni ta' servizz partikolari jew organizzazzjoni billi dan isir distint u identifikabbli, pereżempju, bl-użu ta' skema speċifika ta' kuluri jew ġeneru mużikali meta jiġi rreklamat jew b'mezzi ta' relazzjonijiet pubbliċi oħra.

**Mentoraġġ**
L-iggwidar ta' individwi li għandhom inqas esperjenza bil-pariri, feedback, mudelli pożittivi, eċċ., meta edukatur jew assistent soċjali kwalifikat ġdid jirċievi gwida u jaħdem mill-qrib ma' persuna b'aktar esperjenza fl-istess professjoni.

**Meritokrazija**
Sistema li tippremja fuq il-bażi ta' kompetenza ppruvata, eż., organizzazzjoni tikseb fondi għal proġett minħabba li ppreżentat il-proposta li l-aħjar indirizzat il-kriterji ta' valutazzjoni pertinenti li l-kompetituri kollha kienu jafu u aċċettaw fiż-żmien tas-sottomissjoni.

**Mikrokredenzjali**
Inizjattivi edukattivi fuq medda qasira ta' żmien b'riżultati ta' tagħlim iċċertifikati, eż., unitajiet ta' studju ('study-units') awtonomi offruti regolarment mill-Università ta' Malta marbuta maċ-ċertifikazzjoni bl-ECTS ('European Credit Transfer and Accumulation System').

**Monitoraġġ u Evalwazzjoni**
Pjan jew prattiki li jagħmlu possibbli l-kontroll u l-verifika li r-riżultat ikun qed jintlaħaq, u sa liema punt, pereżempju, il-pjan ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' strateġija.

**Msejsa fuq l-assi**
Dak li jkun infurmat jew xprunat mill-punti b'saħħithom ta' sitwazzjoni, individwu jew komunità, eż., pjan biex tiġġieled il-vandaliżmu fi spazji komunitarji li huwa msejjes fuq ħiliet, tradizzjonijiet, valuri, eċċ. li għandhom membri ta' komunità speċifika.

**Organizzazzjoni orjentata lejn il-komunità**
Organizzazzjoni li l-missjoni tagħha tinkludi l-indirizzar tal-ħtiġijiet u l-benesseri tal-komunità li taqdi. Din tiffoka fuq l-involviment ma', l-għoti ta' setgħa jew l-emanċipazzjoni tal-membri tal-komunità permezz ta' programmi, servizzi, u inizjattivi. L-għan huwa li trawwem l-bidla soċjali sostenibbli, il-progress u l-kwalità tal-ħajja. Eżempji: ċentri taż-żgħażagħ, klabbs tal-banda, assoċjazzjonijiet tal-migranti, gruppi ta' promozzjoni, ċentri ta' kura matul il-jum, assoċjazzjonijiet ta' professjonisti, klabbs tad-dilettanti, eċċ.

**'Peer-to-peer'**
Meta proċedura jew interazzjoni tinvolvi skambju bejn persuni li huma ġeneralment fl-istess livell f'termini ta' għarfien espert, stadju, jew kompetenza, eż., maniġers ta' organizzazzjoni li jagħtu feedback lil xulxin dwar stili ta' ġestjoni matul attività għall-iżvilupp tat- tim jew ta' żvilupp professjonali kontinwu.

**Proċedura operattiva standard (standard operating procedure)**
Struzzjonijiet pass pass stabbiliti minn organizzazzjoni biex jiggwidaw lill-persuni li jaħdmu fi ħdanha bit-twettiq ta' operazzjoni, eż., biex jippubblikaw il-kontenut fuq il-mezzi tal-midja soċjali tal-organizzazzjoni.

**Regolamenti Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-'Data' (GDPR)**
Sett ta' regoli mfassla biex jipproteġu l-informazzjoni personali ta' individwi fi ħdan l-Unjoni Ewropea (UE), biex jirregolaw kif l-organizzazzjonijiet jiġbru, jipproċessaw u jaħżnu l-informazzjoni personali, bl-għan li jagħtu lill-individwi aktar kontroll fuq l-informazzjoni tagħhom. In-nuqqas ta' konformità tista' tirriżulta f'multi sinifikanti.

**Rikonoxximent ta' tagħlim preċedenti**
Meta istituzzjoni jew awtorità tivvalida evidenza ta' riżultati ta' tagħlim miksuba minn individwu permezz ta' esperjenzi tal-ħajja, għarfien jew ħiliet li mhux neċessarjament jiġu ċċertifikati kif mifhum bil-mod konvenzjonali, eż., l-eliġibbiltà għar-reġistrazzjoni f'xi korsijiet offruti mill-Università ta' Malta tista' tiġi ddeterminata fuq il-bażi ta' portafoll li juri evidenza ta' esperjenzi pertinenti, jew il-kisba ta' għarfien jew ħiliet pertinenti.

**Rubrika**
Sett ta' kriterji għall-valutazzjoni, eż., skema ta' mmarkar tal-eżamijiet.

'**Shadowing**'
Meta tosserva mill-qrib persuna oħra bl-għan li tikseb għarfien, eż., għalliem-student li josserva għalliem li huwa kompletament kwalifikat jew b'aktar esperjenza.

**Sinerġija**
Kollaborazzjoni jew ġbir flimkien ta' riżorsi li jagħtu riżultati li huma akbar jew aktar effettivi mis-somma tal-partijiet, eż., sinerġiji bejn l-edukaturi formali u mhux formali, sħubija pubblika li twassal għal sinerġija.

**Skema organizzattiva / Organigramma (jew organogramma)**
Rappreżentazzjoni viżwali tal-istruttura ta' organizzazzjoni, eż., organigramma.

**Tfassil ta' profili**
Stampa tax-xejriet jew il-karatteristiċi ta' interess ewlenin ta' komunità jew ta' grupp soċjali speċifiku, eż., it-tfassil ta' profili ta' gruppi ta' mira ta' Strateġija jew kampanja fuq il-mezzi tax-xandir, it-tfassil ta' profili tal-benefiċjarji ta' benefiċċju soċjali speċifiku, eċċ.

**Ugwaljanza**
Meta r-riżorsi u l-opportunitajiet (eż, id-drittijiet, il-libertajiet, l-edukazzjoni, l-art) jinqasmu u jitgawdew mingħajr ma jippermettu differenzi bejn persuni jew gruppi soċjali li jiżbilanċjaw is-sehem jew l-aċċess għalihom, eż., fis-sistema elettorali Maltija, il-persuni kollha ta' 16-il sena u aktar jistgħu jivvutaw — irrispettivament mis-sess, il-livell tal-edukazzjoni, id-dħul, eċċ.

**Valutazzjoni tal-Impatt, ambjentali jew soċjali (environmental/social impact assessment)**
Evalwazzjoni ta' kif spazji, kuntesti, l-istili ta' ħajja, individwi jew gruppi ser ikunu qed jiġu affettwati minn novità jew bidla li tkun infurmata mir-riċerka, l-evidenza u l-interpretazzjoni kompetenti tar-riċerka jew is-sejbiet empiriċi, eż., valutazzjoni tal-impatt ambjentali tar-reklamazzjoni tal-art, valutazzjoni tal-impatt soċjali tal-iżvilupp urban jew politika ġdida favur il-familja.

**Żvilupp Professjonali Kontinwu**
Il-parteċipazzjoni f'inizjattivi edukattivi biex jinkisbu jew jiġġeddu l-għarfien u l-ħiliet li huma pertinenti għal professjoni jew linja tax-xogħol, eż., taħriġ dwar kif jintużaw vidjokonferenzi online għal skopijiet ta' xogħol meta kienu fis-seħħ il-miżuri tad-distanza soċjali tal-COVID-19.

**Żvilupp Sostenibbli**
Meta l-viżjoni u pjanijiet ta' żvilupp jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma jikkompromettu l-ħila tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. Dan jibbilanċja l-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali biex jiżgura l-vijabbiltà fit-tul.

# 05. GWIDA GĦAR-REFERENZJAR

Meta tqassam jew tikkwota dan ix-xogħol ġentilment mitlub tattribwih/tirreferih kif ġej:

Brown, M., & Borg, C. (2024). *Self-assessment tool: A participatory tool to reflexively assess and develop your organisation's vision, policies, and practices concerning inclusion and sustainability. (Għodda ta' Awtovalutazzjoni: Għodda parteċipattiva biex jiġu vvalutati u żviluppati b'mod riflessiv il-viżjoni, il-politiki u l-prattiki tal-organizzazzjoni tiegħek dwar l-inklużjoni u s-sostenibbiltà).* Malta: Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Liċenzjata taħt l-Att Internazzjonali CC BY-NC-ND 4.0.

**Nota Finali**

Grazzi talli użajt din l-għodda. Nittamaw li din isservi bħala riżorsa siewja fl-appoġġ tal-organizzazzjoni tiegħek biex tevalwa u ssaħħaħ il-prattiki tagħha, filwaqt li trawwem ambjent aktar sostenibbli u inklużiv.

Għal kwalunkwe mistoqsija, gwida ulterjuri, jew appoġġ fl-użu ta 'din l-għodda, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi fuq:

Posta elettronika: issat@gov.mt
Websajt: www.fsws.gov.mt

# Għodda ta' Awtovalutazzjoni ta' Verifika Soċjali

Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
Hawn għalik

Aġenzija għas-servizz Komunitarji u Terapewtiċi
issat@gov.mt
www.fsws.gov.mt